# L-EWWEL PARTI
# QORTI KOSTITUZZJONALI

**12 ta' Mejju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**Onor. Albert Manche` LL.D.**

Giovanna mart Michaelangelo Theuma *noe et*

*versus*

Awtorita` ta' l-Ippjanar

## Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Awtorita` ta' l-Ippjanar - Proprjeta` - Permessi - Esproprjazzjoni - Leġittimu Kontradditur

*Din hija kawża fejn ġie allegat li r-rikorrent kien qiegħed isofri vjolazzjoni għad-dritt fondamentali tiegħu ta' proprjeta` u talab dikjarazzjoni li l-aġir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-rigward tal-proprjeta` tiegħu kien jammonta għal esproprjazzjoni mingħajr kumpens. L-Awtorita` fost ħwejjeġ oħra, eċċepiet li hija ma kinitx il-leġittimu kontradditur f'din il-kawża. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet dina l-eċċezzjoni ta' l-Awtorita`. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*In kwantu li t-talba tar-rikorrent kienet li l-aġir ta' l-Awtorita` kien jikkostitwixxi esproprju tal-proprjeta` tiegħu ma kienx il-każ li din tiġi lliberata mill-ġudizzju. Għalkemm seta' kien hemm organi oħra*

*li kienu ko-responsabbli għall-allegat ksur ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrent, in kwantu dan kien qiegħed jallega li l-applikazzjoni tal-*policies *viġenti mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienu qegħdin iwasslu għal sitwazzjoni fejn huwa kien qiegħed jiġi pprivat mill-proprjeta' tiegħu, dik l-Awtorita` ġiet sewwa ċitata in ġudizzju biex tirrispondi għall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn deċiżjoni in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Ottubru, 1996 li biha ċaħdet eċċezzjoni taċ-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar illi hu kellu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dana f'rikors kostituzzjonali li bih ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tiddikjara li l-aġir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jikkostitwixxi esproprjazzjoni bi ksur ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u bi ksur ta' l-artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni. Ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimat minnufih iwaqqaf kull permess li ta jew li jista' jagħti lill-konjuġi Buttigieg jew lill-aventi kawża tagħhom, mhux partijiet f'din il-kawża, li jiżviluppaw l-art tagħhom indikata fir-rikors. Talbu inoltre, illi l-Qorti tinibixxi lill-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar definittivament milli tagħti permessi 'l quddiem bi ksur tad-drittijiet ta' l-esponenti li qed jirriżultaw miksura llum;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hekk immotivat is-sentenza tagħha li biha ċaħdet it-talba ta' l-Awtorita` intimata li tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dana b'dawn il-konsiderazzjonijiet;

"L-eċċezzjoni li ser tiġi eżaminata llum, hi fis-sens li l-intimat *Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Din l-

eċċezzjoni ma ngħatatx formalment fir-risposta ta' l-intimat iżda ġiet issollevata wara li r-rikorrenti, fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 1995, in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu u ottenew il-kjamata in kawża ta' l-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta ;

L-artikolu 181 (2) fuq ċitat jgħid li "L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern;

Dan l-artikolu joħloq eċċezzjoni għar-regola li l-kawża trid tkun diretta kontra l-leġittimu kontradittur u ċjoe' kontra dik il-persuna, fiżika jew morali, jew enti ġuridiku, li loġikament għandha interess fl-eżitu ta' dawk il-proċeduri. Din l-eċċezzjoni ġiet introdotta minħabba li proċeduri kontra l-Gvern jistgħu, f'xi każi, jkunu jabbraċċjaw iżjed minn dipartiment wieħed u l-linja ta' demarkazzjoni bejn min, mid-diversi dipartimenti, huwa responsabbli, ma tkunx tant ċara. Għalhekk biex jiġu evitati eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, il-Gvern, bħala konvenut, qed jiġi kkunsidrat bħala entita' waħda li għandha r-rappreżentanza tagħha fl-Avukat Ġenerali. Din iżda dejjem bħala eċċezzjoni għar-regola;

Infatti s-subinċiż tlieta ta' l-istess artikolu jippreskrivi li kull rikors, ċitazzjoni jew att ġudizzjarju ieħor, magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi nnotifikat lill-kull kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali. Għalhekk meta d-dipartiment governattiv ikkonċernat ikollu interess ġuridiku distint u partikolari, l-att ma jistax jiġi ppreżentat biss kontra l-Avukat Ġenerali;

L-intimat *Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qed isostni li hu *mhux* ikkonċernat direttament b'dak li qed jiġi allegat u mitlub fir-rikors promotorju billi fl-ewwel lok l-Awtorita` qiegħda timplimenta u tamministra liġi regolarment mgħoddija mill-Parlament u la darba dik l-istess liġi mhux qed tiġi attakkata, l-implimentazzjoni tagħha qatt ma tista' tiġi ddikjarata li qed tikser id-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fit-tieni lok qed jiġi rrilevat li l-Awtorita` ma tesproprjax proprjeta` privata ta' terzi u għalhekk l-allegazzjoni li qed tiġi eżerċitata diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti minħabba li ser tittiħdilhom parti mill-art tagħhom a vantaġġ ta' terzi mhux rilevanti fil-konfront ta' l-istess Awtorita` iżda se mai fil-konfront ta' xi dipartiment governattiv ieħor;

Huwa minnu li r-rikors promotur mhux intiż sabiex jattakka l-validita` ta' xi liġi li in forza tagħha taġixxi l-Awtorita`, u anke hu minnu li l-esproprjazzjoni ta' art hija kompetenza ta' dipartiment ieħor governattiv. Għalhekk f'dan is-sens l-oġġezzjoni taċ-*Chairman* ta' l-Awtorita` li jibqa' fil-kawża jista' jkollha ċerta loġika. Iżda huwa daqstant minnu li hija l-Awtorita` ta' l-Ippjanar l-enti esklussivament responsabbli għal ħruġ ta' permessi għall-iżvilupp tal-bini. Billi r-rikorrenti qed jitolbu li ma jinħariġx permess għal żvilupp edilizzju f'arja partikolari, ċertament li l-Awtorita` għandha interess li tkun fil-kawża. Dan a termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 181 tal-Kap. 12 fuq ċitat. Jekk l-intimat *Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jinħareġ mill-kawża f'dan l-istadju u b'hekk ikun liberu jipproċedi bl-ipproċessar ta' l-applikazzjoni in kwistjoni, ir-rikorrenti jkunu ġew ippreġudikati fl-eventwalita` li jkun hemm deċiżjoni favorevoli għat-talba tagħhom. Dan naturalment, qed jingħad bla preġudizzju għall-validita` tad-domandi tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet l-oħra ta' l-intimati";

Din il-Qorti mhux biss issib il-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti sostanzjalment korretta imma ma tistax ma tinnotax illi l-eċċezzjoni li ngħatat mill-Awtorita` ma kienx hemm lokha u serviet biss biex proċeduri dwar materja ta' indole kostituzzjonali li timporta allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali jitwalu inutilment. Għandu jiġi rrilevat illi hu dover ta' kull awtorita` pubblika illi fejn si tratta ta' allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali jillimitaw il-kontestazzjoni kemm jista' jkun għall-qalba tal-meritu quddiem il-Qorti biex tiġi faċilitata l-konsiderazzjoni ta' l-allegata vjolazzjoni u f'każ li din tirriżulta, l-għoti tar-rimedju opportun. Għandu għalhekk ikun id-dover kemm ta' l-Istat kif ukoll ta' kull Awtorita` pubblika msejħin biex jirrispondu għall-ilment dwar allegat ksur ta' dritt fondamentali li jevitaw eċċezzjonijiet legalistiċi u formali li jtendu biss biex jikkomplikaw u jtawlu l-proċeduri bla ma jikkontribwixxu xejn lejn l-investigazzjoni serja, spedita u diretta ta' lanjanza kostituzzjoanli. Dan anke skond il-kelma u l-ispirtu ta' l-istess Kostituzzjoni li tesiġi li rikorsi ta' din ix-xorta kellhom jiġu ttrattati mill-Qorti bl-urġenza indikata fiċ-ċirkostanzi u bl-inqas formalita` possibbli. Jispetta ukoll, allura, lill-Qorti illi ma tagħtix l-opportunita` illi jiġu ssollevati eċċezzjonijiet proċedurali li ma jkunux strettament attinenti u pertinenti għall-meritu u li fejn dawn jitqajmu, u safejn il-liġi hekk tippermetti eċċezzjonijiet ta' din ix-xorta, dawn għandhom jiġu deċiżi finalment ma' l-istess meritu bla ma jingħata aditu għall-appell minn sentenza in parte fuq dik l-eċċezzjoni li jkollha l-effett biss li tissospendi l-konsiderazzjoni tal-meritu. Dan naturalment, eskluż dawk il-każijiet meta altrimenti tkun ser tiġi kommessa inġustizzja serja mal-parti li tissolleva l-eċċezzjoni prelimari. Wieħed irid dejjem iżomm quddiem għajnejh illi - stabbilit illi l-ilment kostituzzjonali ġie vverifikat li mhuwiex wieħed frivolu u vessatorju - l-implikazzjoni fir-rikors promotor

tkun illi jkun ġie jew ikun ser jiġi vvjolat dritt fondamentali u bħala regola hu dover tal-Qorti li dan jiġi immedjatament investigat u fejn meħtieġ rettifikat fl-iqsar żmien possibbli;

Dan qed jingħad għax din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Awtorita` ta' l-Ippjanar setgħet teċċepixxi u ssostni illi hi ma kinitx il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent u li kienet għal kollox estranea mill-meritu ta' dan ir-rikors meta fir-risposta tagħha għall-istess rikors hi telenka almenu tnax-il kap ta' kontestazzjoni dettaljata li direttament jopponu l-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti tista' tgħid punt b'punt;

Jiġi ppreċiżat illi t-talba tar-rikorrenti hi fl-ewwel lok għal dikjarazzjoni illi "l-aġir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jikkostitwixxi espropriazzjoni" li tilledi dritt fondamentali tar-rikorrenti protett bl-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din it-talba dikjaratorja hi diretta kontra l-Awtorita` u ma ġietx fl-ebda stadju ta' trattazzjoni mir-rikorrenti rtirata. Il-Qorti neċessarjament kellha allura fis-sentenza finali tagħha jew tilqagħha jew tiċħadha fil-konfront ta' l-istess Awtorita`. U anke jekk l-Awtorita` qed issostni - jista' jkun ġustament - illi hi ma setgħetx tkun responsabbli għall-allegata espropriazzjoni għaliex hi kellha biss il-funzjoni li tapplika l-*policies* kif stabbiliti mill-Awtorita` kompetenti, dan ma jfissirx li b'daqshekk hi ma kellha l-ebda interess ġuridiku fl-eżitu ta' din il-kawża jew *locus standi* bħala leġittimu kontradditur tar-rikorrenti fuq il-meritu. Anke jekk l-Awtorita` kienet skrupolożament qed tapplika l-*policies* skond il-liġi, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrenti jallegaw li l-espropriazzjoni qed tiġi esegwita bl-għoti ta' permessi maħruġa mill-Awtorita` intimata li kienet l-unika Awtorita` bil-liġi kompetenti biex tirrilaxxjahom. Dan ovvjament ifisser illi jekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata, ir-rimedju

kellu, jew almenu seta' jkun li jiġi impedut il-ħruġ ta' dawn il-permessi li għalihom qed joġġezzjonaw ir-rikorrenti. Biex dan jista' jsir l-ordni li din il-Qorti jkun jeħtiġilha tagħti biex tirrimedja għall-ksur tad-dritt fondamentali kellu neċessarjament ikun dirett kontra u jingħata fil-konfront anke ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Dan ifisser li ukoll f'dan l-aspett limitat ma tirriżultax ġusifikata l-eċċezzjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li tinħareġ mill-kawża f'dan l-istadju tal-proċeduri;

Hemm naturalment, aspetti oħra li jistgħu ukoll jokkorru u li hu utili li jiġu rrilevati. Mhux esklużilli jiġi allegat mir-rikorrenti illi kienet l-istess Awtorita` li abbużat mill-poteri lilha kkonferiti mil-liġi u li bħala konsegwenza ta' dan l-abbuż - li jista' ukoll ikun diskriminatorju kif allegat fil-każ taħt eżami - inħolqot it-theddida jew l-attwalita` tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Hu sintomatiku illi fir-risposta tagħha l-Awtorita` ta' l-Ippjanar għandha almenu tliet kapi separati ta' opposizzjoni fuq l-allegata diskriminazzjoni li bihom sa minn dak l-istadju bikri tat-trattazzjoni tiddikjara l-estranjeta` tagħha għal kull allegazzjoni ta' aġir diskriminatorju. Il-Qorti ma tifhimx allura kif l-Awtorita` qed tqis li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti biex tirrispondi għal dawn l-akkużi gravi. Wieħed kien jistenna proprju li l-kontra kien ikun il-każ u li l-Awtorita` kienet ser tinsisti li tkun parti f'dawn il-proċeduri proprju biex tiġġustifika ruħha bħala awtorita` pubblika munita f'funzjonijiet u poteri li obbligata teżerċita` fl-interess tal-ġid komuni bla biża' jew favuri;

Din il-Qorti - bħall-Ewwel Qorti - tifhem illi r-responsabbilita` għall-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali <u>tista'</u> tkun ukoll addebitata lil xi Awtorita` oħra li tiddetermina l-*policies* li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hi bil-liġi obbligata li ssegwi u tesegwixxi. Dan il-fatt

waħdu, pero`, ma jfissirx li l-Awtorita` kellha tkun *a priori* meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju f'rikors fejn it-talbiet huma direttament diretti kontra tagħha u safejn, f'kull każ, ir-rimedju li qed jintalab - jekk eventwalment akkordat - ikun ukoll direttament jimpinġi fuq l-operat ta' l-awtorita` intimata li tiġi ordnata tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa. Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomisjoni ta' l-Awtorita` illi "din il-Qorti (dik Prim'Awla tal-kompetenza tagħha kostituzzjonali) ma tistax tieħu l-post ta' l-Awtorita` u twaqqaf milli jinħareġ permess li jista' jingħata lill-konjuġi Buttigieg jew lill-aventi kawża tagħhom biex jiżviluppaw il-proprjeta` tagħhom u inqas u inqas milli tinibixxi lill-Awtorita` bil-quddiem li tagħti permessi bi ksur tad-drittijiet" ta' l-istess Awtorita`. Sottomissjoni din għal kollox insostenibbli u rażenti li spropositu in kwantu timplika li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-operat tagħha mhijiex sindakabbli mill-Qrati u li hi 'l fuq mil-liġi u mill-Kostituzzjoni. Biżżejjed jingħad illi l-ebda awtorita` fil-pajjiż mhi sottratta għall-verifika ta' din il-Qorti fejn u meta jsiru allegazzjonijiet kontra tagħha minn kwalsiasi bniedem f'Malta li kien ġie lilu vvjolat jew kien ser jiġi vvjolat xi wieħed mid-drittijiet fondamentali sanċiti bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni Ewropeja. Inoltre din il-Qorti ma tirrikonoxxi l-ebda limitu fix-xorta ta' rimedju li hi għandha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni l-poter li tagħti biex tiġi rettifikata vjolazzjoni jew tiġi evitata vjolazzjoni mhedda ta' dritt fondamentali. Rimedju li kull persuna jew awtorita` fil-pajjiż - inkluża l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li mhi xejn anqas jew iżjed minn kull awtorita` oħra statutorjament imwaqqfa huma obbligati li josservaw jobdu u jimplimentaw. Jekk dan jgħodd għall-istess Gvern u għall-Awtoritajiet imwaqqfa skond l-istess Kostituzzjoni *multo magis* għandu japplika għall-Awtorita` li rċeviet il-*vires* tagħha minn liġi li kkostitwietha;

Għal dawn il-motivi u għall-motivi ukoll imsemmija fil-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

L-ispejjeż ta' dan l-appell, bħal dawk tal-Prim'Istanza, li pprovokatu, għandhom ikunu a karigu ta' l-appellant. L-atti huma rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni.